MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 3/2009/1

**Concetta Decelis u Jason Decelis.**

**v.**

**Il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern,**
**l-Avukat Generali,**
**d-Direttur Generali Qrati tal- Gustizzja**
**u l-Kumissarju tal- Pulizija.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ta’ Concetta Decelis u Jason Decelis minn sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili,

Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, fid-9 ta’ Dicembru 2010 li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimati fis-sens li ddikjarat li l-Ministru tal-Gustizzja u Intern ma huwiex il-legittimu kontradittur u illiberat lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li cahdet it-tieni, it-tielet, u r-raba’ eccezzjoni tal-intimati, laqghet l-ecccezzjonijiet l-ohra taghhom fil-mertu u cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Sabiex jiftiehem ahjar dan l-appell, il-Qorti qeghdha tehmez ma’ din is-sentenza, bhala Appendici A, is-sentenza appellata kollha.

**Rikors tal-appell ta’ Concetta Decelis u Jason Decelis**

L-appellanti Concetta Decelis u Jason Decelis hassewhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-ewwel grad u ressqu appell minnha.

Wara li ghamlu espozizzjoni tal-fatti mill-punto di vista taghhom, u wara li jsemmu l-principji legali applikabbli ghall-kaz in ezami, huma jsostnu li jirrizulta manifestament li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. L-appellanti jishqu li l-ewwel Qorti naqset li tafferra l-lanjanzi taghhom u ghalhekk regghu spjegaw il-lanjanzi, li fis-sustanza huma l-istess li kienu ressqu quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali.

L-appellanti jfittxu li jsostnu l-aggravji taghhom fuq diversi konsiderazzjonijiet li jistghu fil-qosor jigu sintesizzati hekk.

Illi skont l-appellanti kemm il-Qorti tal-Appell Kriminali, li kienet giet mitluba ssewwi l-izball gudizzjarju li sar fil-guri, kif ukoll l-Qorti Civili, Prim’ Awla, (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali), li kienet mitlub tiddikjara li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni, interpretaw u applikaw il-ligi hazin.

L-appellanti jikkontendu li f’dan il-kaz inholoq reat gdid li qabel ma kienx jezisti fis-sistema legali taghna. Huma jghidu li fir-rikors promotur taghhom huma ma kienux

qeghdin jirreferu ghar-reat ta' omicidju volontarju, li ma jikkontestawx li jezisti, izda ghal figura ta' 'omicidju b'omissjoni', li ma jezistix. Inoltre l-kaz taghhom gie kategorizzat bhala wiehed ta' omicidju volontarju, meta fil-fatt kien biss wiehed involontarju, billi huma la kellhom l-*animus necandi* u lanqas l-*animus nocendi*. L-unika haga li huma setghu kienu responsabbili ghaliha kienet l-'*omissione di soccorso*', u din kienet tinvolvi biss in-"negligenza" li kkontribwiet ghall-mewt ta' Rachel Bowdler. L-ewwel Qorti pero` approvat il-kuncett ta' 'omicidju volontarju' 'per via di omissjoni' minghajr ma rrealizzat li l-ghemil tar-rikorrenti kien wiehed involontarju. Ghalkemm l-ewwel Qorti ddecidiet li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet applikat biss "il-principji stabbiliti ghall-omicidju volontarju per omissjoni," dawn il-principji ma jezistux.

L-appellanti jikkontendu li l-verdett kien ukoll wiehed null u kontradittorju u mhux registrabbili billi l-istess verdett qies l-istess imgieba bhala 'involontarja' ghal Carmel Decelis u 'volontarja' ghall-appellanti.

Skont l-appellanti l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat il-kuncett ta' *duty of care* meta fil-fatt dan il-kuncett huwa estraneju ghad-dritt Malti. L-appellanti jissottomettu li huma dejjem sostnew li l-elementi kostituttivi tar-reat ta' omicidju volontarju ma kienux jinkorporaw id-*duty of care*. Imma anke kieku dan il-kuncett ta' *duty of care* kien applikabbili u legalment fondat, l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sens li estendiet l-applikazzjoni ta' dan il-kuncett, mill-kamp ta' *manslaughter* ossija omicidju involontarju ghall-kamp tal-omicidju volontarju kien jammonta ghal interpretazzjoni estensiva u wiesa u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Finalment l-appellanti jissottomettu li ghalhekk gie vjolat ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta m'ghandniex ir-reat ta' *omissione di soccorso* u m'ghandniex il-kuncett ta' *duty to care*, fil-proceduri penali u dawn gew imsemmija u applikati quddiem il-gurija. Inoltre fl-istess proceduri intuzat gurisprudenza Ingliza u Skocciza dwar reati

kolpuzi u cioe` *manslaughter* u *culpable homicide*, u giet erronjament applikata ghar-reat ta' omicidju volontarju taht il-Kodici Kriminali Malti meta il-gurisprudenza Ingliza tittratta d-*duty of care* fl-ambitu tal-omicidju involontarju.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet u ddisponiet mill-ewwel eccezzjoni preliminari bil-mod kif iddisponiet minnha, tirrevokaha u thassarha in kwantu cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom u minflok tghaddi biex tilqa' d-domandi tar-rikorrenti u tiddikjara nulla u bla effett kull sentenza li biha giet dikjarata l-htija ta' omicidju volontarju fil-konfront taghhom u tordna l-iskarcerazzjoni immedjata taghhom stante li huma diga` skontaw il-piena massima kontemplata mil-ligi ghar-reat ta' omicidju involontarju. Bl-ispejjez kontra l-appellati.

**Risposta tal-intimati appellati.**

L-intimati appellati pprezentaw ir-risposta taghhom li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Fatti**

Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun illi taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kaz in kwistjoni.

Fit-13 ta' Mejju 2001 u fil-lejl ta' qabel, Rachel Bowdler kienet hadet ammont ta' droga u spiccat b'*overdose* fil-flat f'San Pawl il-Bahar fejn kienet toqghod Concetta Decelis ma' binha. F'xi hin kien hemm ukoll Carmel Decelis, ir-ragel taghha. Rachel Bowdler kienet mitlufa kompletament minn sensiha, u minkejja li kienet taht effett ta' *overdose*, u f'dak l-istat, irrizulta li l-appellanti ma talbux assistenza medika, u wara ammont sostanzjali ta' sieghat Rachel Bowdler mietet. L-appellanti flimkien ma' Carmel Decelis iddisponew mill-gisem mejjet ta' Rachel

Bowdler f'post imwarrab fil-limiti tal-Imgarr. Eventwalment l-appellanti kienu nstabu hatja f'guri ta' omicidju volontarju. Is-sentenza giet appellata u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-appellanti talbu fir-rikors promotur taghhom dikjarazzjoni li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom kif kontemplati fl-Artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll taht l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**L-Artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

L-Artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea[1] jipprovdi li:

"(1) Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena aktar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar".

Il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz ta' **KOKKINAKIS v. GREECE** *(Application no. 14307/88)* – 25 ta' Mejju 1993 spjegat dan l-artikolu hekk:
"The Court points out that Article 7 para. 1 of the Convention is not confined to prohibiting the retrospective application of the criminal law to an accused's disadvantage. It also embodies, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege) and the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by analogy; it follows from this that an offence must be clearly defined in law. This condition is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of

[1] L-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jixbah l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him liable". (para 52).(sottolinerar ta'din il-Qorti)

Reat gdid

L-ilment ewlieni tal-appellanti fir-rigward ta' dan l-artikolu huwa li fil-kaz in ezami inholoq reat gdid li qabel ma kienx jezisti fis-sistema legali Maltija cioe` r-reat tal-omicidju volontarju b'ommissjoni.

L-appellanti jsostnu li r-reat ta' omicidju bl-ommissjoni ma jezistix. Jghidu li l-aktar li huma setghu nstabu responsabbli f'dan il-kaz kien biss ta' *omissione di soccorso* u dan jammonta ghal negligenza, cioe` ghal omicidju involontarju u mhux ghal omicidju volontarju. Ghalhekk meta huma nstabu hatja mill-Qorti Kriminali ta' dan ir-reat, u l-istess sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, inkiser id-dritt taghhom taht l-Artikolu 7 ta' Konvenzjoni billi ma setghux jinstabu hatja ta' reat li ma jezistix fil-ligi.

Illi pero` fil-verita` l-principju ta' omicidju volontarju b'ommissjoni jezisti. Il-principju legali huwa li kull offiza kriminali tista' ssir jew permezz ta' att jew permezz ta' ommissjoni. Kif jghallem il-Profs. A. Mamo[2]:

"The act which destroys life may be an act of commission or any act of omission."

Il-Qorti Kriminali sabet li l-appellanti kienu hatja skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 211 tal-Kap. 9 ta' omicidju volontarju per via di ommissjoni taht it-tieni forma hemm kontemplata u cioe` bl-intenzjoni maghrufa bhala **intenzjoni pozittiva indiretta**.

Il-Qorti kriminali ddecidiet hekk fuq dan il-punt:

"Hu minnu li mhux allegat li l-krizi inizjali fl-istat tas-sahha ta' Rachel Bowdler kkagunawha huma, pero` huma biss

---

[2] Diga` hemm referenza ghal din is-silta u spjegazzjoni taghha fil-korp tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

flimkien jew f' hinijiet differenti setghu w kienu fi grad li jsejjhu l-assistenza medika opportuna, li skond l-espert setghet salvat lill-vittma. Bl-ommissjoni persistenti taghhom li jaghmlu dan fuq firxa ta' madwar tnax il-siegha fil-kaz ta' Jason Decelis, u ta' madwar tmin sieghat fil-kaz ta' Concetta Decelis, huma kkagunaw jew accelleraw il-mewt tat-tfajla, li dak il-hin kienet tiddependi kompletament u esklussivament fuqhom u minnhom".

Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Kif isemmu l-awturi **van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, 4th Ed. Page 656:**

"In principle the national legislature is free to decide what act or omission is to be qualified as an offence and has to be penalised. Article 7 is not an issue there. The European review in that case is confined to the question whether or not any of the other provisions of the Convention have been violated by that legislation".

Tal-istess hsieb huma l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fejn ighidu fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights**, it-tieni edizzjoni, li:

*"Given that Article 7 requires that national courts act on the basis of their national law and that they interpret and apply that law in accordance with Article 7, the Strasbourg Court may find itself reviewing the interpretation and application of national law by national courts. In accordance with the Court's general approach whereby it does not question the interpretation and application of national law by national courts, this supervisory function is undertaken with caution, with the Court only exceptionally finding the interpretation and application of national law by the national courts to be in breach of Article 7. Article 7 (1) refers to criminal offences that have a basis in 'law'."*

Ghalhekk mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tara jekk il-Qorti Kriminali kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidew sew jew le, izda biss li tara jekk is-sentenza kif inhi, tiksirx id-drittijiet fundamentali tal-appellanti. Lanqas ma hija l-funzjoni ta' din il-Qorti li sservi ta' Qorti ta' revizjoni ta' dawn il-Qrati.

Hi fehma ta' din il-Qorti li la l-Qorti Kriminali u lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qalu xi spropozitu meta ddecidew li bl-ommissjoni persistenti u voluta tal-appellanti fuq firxa ta' hafna sieghat huma kkagunaw jew accelleraw il-mewt ta' Rachel Bowdler. L-appellanti ma sejhux ghall-ghajnuna medika billi l-appellant Jason Decelis xi granet qabel kien instab hati ta' reat iehor mill-Qrati u ghalhekk huma ghazlu li ma jsejhux ghal ghajnuna medika biex Jason Decelis ma jispiccax mill-gdid involut mal-pulizija. Minflok ma gabu l-ghajnuna appozita huma ghazlu li jsalvaw gildhom. Huma kienu jafu li bin-nuqqas ta' assistenza kienu qeghdin ipoggu l-hajja ta' Rachel Bowdler b'perikolu car imma ghalkemm kienu qed jipprevedu l-possibbilita` jew probabbilita' tal-mewt ta' Rachel Bowdler baqghu indifferenti ghall-konsegwenzi li fil-fatt sehhew.

Skont il-Qorti Kriminali, u anke il-Qorti tal-Appell Kriminali, l-intenzjoni specifika tal-appellanti li jpoggu l-hajja ta' Rachel Bowdler f'perikolu manifest kienet tohrog cara mill-provi. Din il-Qorti ma tidholx fil-valutazzjoni u apprezzament mill-gdid ta' dawk il-provi billi l-funzjoni taghha huwa limitat kif gia` nghad biex tara jekk inkisrux id-drittijiet kostituzzjonali tal-appellanti, li pero` fil-fehma ta' din il-Qorti ma nksirux billi ma nholoq ebda reat gdid imma l-Qorti interpretat il-ligi kif inhi ghal fattispecie tal-kaz li kellha quddiemha. Il-Qorti Kriminali ma sabithomx hatja ta' xi reat li ma kienx gia` jezisti meta twettaq il-fatt u ghalhekk ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Dan l-aggravju qed jigi michud.

<u>Duty of care</u>

Skont l-appellanti l-Qorti tal-Appell Kriminali f'dan il-kaz applikat il-kuncett ta' *duty of care* meta fil-fatt dan il-kuncett huwa estraneju ghad-dritt Malti.

Illi minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax pero` li l-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-fatt iddecidew li skont il-Kodici Kriminali l-appellanti kellhom *a legal duty of care* lejn Rachel Bowdler. Il-principju legali huwa li persuna ma tistax tinsab hatja kriminalment ghall-atti ta' ommissjoni, imma tista' tkun hekk responsabbili meta jkun hemm 'a duty of care'. Meta l-Qorti Kriminali ezaminat il-fatti tal-kaz u l-ligi li fuqha l-appellanti gew akkuzati hi sabet li ghalkemm l-appellanti ma kellhomx *a legal duty of care* huma minn rajhom assumew dak l-obbligu u ghalhekk la darba huma assumew dak id-*duty of care*, allura l-agir taghhom kien suggett ghal-ligi kriminali. L-istess haga ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali. Ma kienx kaz li l-ligi obbligat lill-appellanti li jiehdu hsieb Rachel Bowdler, imma kienu huma stess li assumew dak l-obbligu. F'dak il-lejl Rachel Bowdler kienet taht il-kontroll taghhom u kienet tiddependi kompletament u esklussivament fuqhom. Izda minhabba l-interessi taghhom l-appellanti hallewha bla assistenza medika apposita sakemm mietet. Dan ma kienx kaz ta' *ommissione di soccorso*, lanqas ma kien kaz ta' zball jew ta' negligenza imma ta' decizjoni konxja ta' dak li riedu jaghmlu u cioe` li ma jsejhux ghall-assistenza medika biex ma jigux involuti mill-gdid mal-pulizija.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-Qorti tal-Appell Kriminali ma dahhlet ebda kuncett estraneu ta' *duty of care* fil-ligi taghna.

L-appellanti inoltre jikkontendu illi anke kieku dan il-kuncett ta' *duty of care* kien applikabbili u legalment fondat, l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali estendiet l-applikazzjoni ta' dan il-kuncett, mill-kamp ta' *manslaughter* ossija omicidju involontarju ghall-kamp tal-omicidju volontarju u dan kien jammonta ghal interpretazzjoni estensiva u wiesa.

Kif gia` nghad, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell Kriminali ma holqot ebda reat gdid ta' omicidju volontarju a bazi ta' nuqqas t'osservanza tad-*duty of care.* Lanqas ma introduciet b'analogija mil-Ligi Ingliza l-kuncett li wassal ghal *manslaughter* taht il-Ligi Maltija. Illi meta l-Qorti kkunsidrat li l-appellanti assumew *id-duty of care* ma jfissirx li dan l-obbligu jaqa' biss fl-isfera tal-involontarju, billi d-*duty of care* li assumew jigi nieqes kemm fejn ikun hemm negligenza, u aktar u aktar fejn ikun hemm 'recklessness' jew 'indifferenza' ghal konsegwenzi u dan billi din l-indifferenza hija appuntu l-oppost tad-*duty of care.* Ghalhekk wiehed ma jibqax jitkellem dwar kulpa imma dwar dolo[3] kif spjegat fit-tieni forma tal-Artikolu 211 tal-Kap. 9.

Izda anke kieku, din il-Qorti tirrileva li kif gie deciz mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kazijiet **S.W. vs U.K u C.R. vs U.K.** (1995):

*"Article 7 of the Convention cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, provided that the resultant development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen......".*

Fil-kaz in ezami l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll il-Qorti Kriminali kienet konformi mal-ligi u ma l-intepretazzjoni li dejjem inghatat tal-Artikolu 211 tal-Kap. 9 partikolarment fit-tieni forma tieghu[4].

<u>Verdett Konfliggenti</u>

L-appellanti jissottomettu wkoll li l-verdett fil-Qorti Kriminali kien wiehed null u kontradittorju u mhux registrabbili billi l-istess verdett qies l-istess imgieba bhala 'involontarja' ghal Carmel Decelis u 'volontarja' ghall-appellanti.

---

[3] Fil-kaz tal-Conti Ugolino, (li ghalih saret referenza fir-rikors tal-appell) kien hemm *legal duty to care*, u nonostante dan instab hati ta' omicidju volontarju u mhux involontarju.

[4] Ara App. Krim. Ir-Reppublika ta' Malta v. Francis Casaletto deciz 8 ta' Novembru 1988.

Illi mill-provi prodotti quddiem il-Qorti Kriminali rrizulta li l-intenzjoni ta' Carmel Decelis kienet differenti minn dik ta' martu u ta' ibnu, b'konsegwenzi penali differenti ghal kull wiehed minnhom. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li taghmel valutazzjoni jew apprezzament mill-gdid tal-provi li tressqu quddiem dik il-Qorti. Dik hi kwistjoni ta' mertu u ta' fatt li setghet tigi deciza biss mill-gurati. Inoltre fil-kaz in ezami l-appellanti kellhom rimedju ordinarju quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li huma utilizzaw. Din il-Qorti tirrileva wkoll li l-ewwel Qorti (Prim' Awla, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) ddecidiet li r-rikors kostituzzjonali odjern kien qed jattakka biss is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (ara talbiet) u mhux il-verdett tal-gurati, ghalhekk l-aggravju rigwardanti l-allegat konflitt fil-verdett ma jistax jigi milqugh.

**L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

Fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-appellanti jissottomettu li gie vjolat dan l-artikolu billi m'ghandhiex ir-reat ta' *omissione di soccorso* u m'ghandhiex il-kuncett ta' *duty to care*, mentri fil-proceduri penali dawn gew imsemmija u applikati quddiem il-gurija. Inoltre fl-istess proceduri intuzat gurisprudenza Ingliza u Skocciza dwar reati kolpuzi u cioe` *manslaughter* u *culpable homicide*, u giet erronjament applikata ghar-reat ta' omicidju volontarju taht il-Kodici Kriminali meta il-gurisprudenza Ingliza tittratta d-*duty of care* fl-ambitu tal-omicidju involontarju.

Illi f'dan ir-rigward il-lezjoni taht l-Artikolu 6 giet sollevata a bazi ta' dak li suppost gie lez taht l-Artikolu 7. L-aggravji fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni gew ripetuti fir-rigward tal-Artikolu 6 ukoll. Stante li din il-Qorti diga` sabet li ma hemm ebda lezjoni taht l-Artikolu 7, ghall-istess ragunijiet ma jistax jinghad li l-appellanti ma nghatawx smigh xieraq a bazi ta' dawk l-aggravji. Ma hemm xejn gdid li jista' jigi kkunsidrat taht l-Artikolu 6 li ma giex ikkonsidrat taht l-Artikolu 7. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi  tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------